

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supremo Tribunal Administrativo (il-Portugall) fid-19 ta' Jannar 2015 – Brisal – Auto Estradas do Litoral SA, KBC Finance Ireland vs Fazenda Públīca

(Kawża C-18/15)

(2015/C 118/22)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Supremo Tribunal Administrativo

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Brisal – Auto Estradas do Litoral SA, KBC Finance Ireland

Konvenuta: Fazenda Públīca

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 56 TFUE jipprekludi leġiżlazzjoni fiskali interna li tipprovidi li istituzzjonijiet finanzjarji mhux residenti fit-territorju Portugiż jiġu ssuġġettati għat-taxxa fuq id-dħul ta' interassi li jirriżultaw f'dan it-territorju u intaxxati fras il-għajnej b'rata definitiva ta' 20 % (jew b'rata inqas fil-każ ta' ftehim għal ħelsien minn taxxa doppja), rata applikabbli fuq id-dħul gross, mingħajr il-possibbiltà ta' tnaqqis tal-ispejjeż professjoni direttament marbuta mal-attività finanzjarja eżerċitata, filwaqt li l-interassi li jirriżultaw mill-istituzzjonijiet finanzjarji residenti huma inkorporati fid-dħul globali taxxabbli, fejn isir it-tnaqqis tal-ispejjeż assoċjati mal-attività eżerċitata fil-mument tal-kalkolu tal-profit għall-finijiet tal-issuġġettar għat-taxxa fuq id-dħul ta' persuni ġuridiċi, fejn b'hekk, ir-rata ġenerali ta' 25 % tapplika għad-dħul ta' interassi nett?
- 2) Din l-oppożizzjoni teżisti wkoll meta ssir il-konstatazzjoni li l-bażi taxxabbli tal-istituzzjonijiet finanzjarji residenti tibqa' jew tista' tibqa' suġġetta, wara t-taqqis tal-ispejjeż ta' finanzjament assoċjati mad-dħul ta' interassi jew mat-taqqis tal-ispejjeż b'relazzjoni ekonomika diretta ma' dan id-dħul, għal bażi taxxabbli oħla minn dak li huwa intaxxat fras il-għajnej mill-istituzzjonijiet mhux residenti u li jkollu effett fuq id-dħul gross?
- 3) F'dan ir-rigward, l-ispejjeż ta' finanzjament assoċjati mas-self mogħti jew mal-ispejjeż li jippreżentaw rabta ekonomika diretta mad-dħul ta' interassi li jirriżultaw, jistgħu jiġi kkonfermati permezz tad-data pprovduta mill-EURIBOR ("Euro Interbank Offered Rate") u mil-LIBOR ("London Interbank Offered Rate") – entitajiet li jirrappreżentaw ir-rati ta' interassi medji mitluba fil-finanzjamenti interbankarji li għalihom jirrikorru l-banek sabiex jeżerċitaw l-attività tagħhom?

Appell ippreżzentat fl-4 ta' Frar 2015 minn Safa Nicu Sepahan Co. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fil-25 ta' Novembru 2014 fil-Kawża T-384/11, Safa Nicu Sepahan Co. vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-45/15 P)

(2015/C 118/23)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Safa Nicu Sepahan Co. (rappreżentant: A. Bahrami, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet tal-appellanti

Fid-dawl tar-raġunijiet esposti f'dan l-appell, Safa Nicu Sepahan Co. titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja joġġħobha:

1. tannulla parżjalment is-sentenza tal-Qorti Ĝeneralni mogħtija fil-25 ta' Novembru 2014 fil-Kawża T-384/11 sa fejn:

- ma rrikonoxxietx id-danni materjali subiti minn Safa Nicu Sepahan Co. u ma tatx kumpens sabiex ikopri dawn id-danni;
- ma rrikonoxxietx li Safa Nicu Sepahan Co. subit danni immaterjali iżda attribwit somma arbitrarjament baxxa ta' EUR 50 000 bħala l-uniku kumpens għal dan id-danni;

2. teżerċita ġurisdizzjoni sħiħa u, fuq il-bażi ta' elementi li għandha għad-dispożizzjoni tagħha:

Prinċipalment:

- tagħti lil Safa Nicu Sepahan Co. somma ta' EUR 5 662 737,40 flimkien mal-interess, għad-danni materjali subi minħabba ksur gravi ta' dispożizzjoni legali u tal-azzjoni illegali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;
- tagħti lil Safa Nicu Sepahan Co. somma ta' EUR 2 000 000 flimkien mal-interessi, għad-danni immaterjali subi minħabba l-ksur gravi ta' dispożizzjoni legali u tal-azzjoni illegali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;
- tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jbatis l-ispejjeż legali u spejjeż oħra jn sostnuti mill-appellanti b'relazzjoni ma' dan l-appell, inkluż l-ispejjeż sostnuti fir-rigward tal-proċedura inizjali quddiem il-Qorti Ĝeneralni, flimkien mal-interessi.

Sussidjarjament:

- tagħti lil Safa Nicu Sepahan Co. ammont stabbilit *ex aequo et bono*, flimkien mal-interessi, għad-danni materjali subiti minħabba l-ksur gravi ta' dispożizzjoni legali u tal-azzjoni legali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;
- tagħti lil Safa Nicu Sepahan Co. somma stabbilita *ex aequo et bono*, li ma tkunx inqas minn EUR 50 000, flimkien mal-interessi (kif digħi mogħti mis-sentenza appellata tal-Qorti Ĝeneralni), għad-danni immaterjali subiti minħabba l-ksur gravi ta' dispożizzjoni legali u tal-azzjoni illegali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jħallas lil Safa Nicu Sepahan Co. l-ammont tal-ispejjeż legali u spejjeż oħra jn sostnuti fir-rigward ta' dan l-appell, inkluż dawk sostnuti fir-rigward tal-proċedura inizjali quddiem il-Qorti Ĝeneralni, flimkien mal-interessi marbuta.

B'mod iktar sussidjarju:

3. tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ĝeneralni sabiex din il-qorti teżamina mill-ġdid l-ammont tad-danni u tagħti sentenza ġdid favur Safa Nicu Sepahan Co.

Aggravji u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti tqajjem żewġ aggravji kontra s-sentenza tal-Qorti Ĝeneralis mogħtija fil-25 ta' Novembru 2014, b'diversi argumenti għal kull aggravju:

- 1) Fl-ewwel aggravju tal-appell, ir-rikorrenti ssostni li l-Qorti Ĝeneralis wettqet żball ta' liġi fil-punti 93 sa 149 tas-sentenza appellata billi ċaħdet it-talba għal kumpens tar-riktorrenti għad-danni materjali kollha huma, minkejja l-fatt li l-Qorti Ĝeneralis kienet irrikonoxxiet u ammettiet li r-riktorrenti kienet effettivament sostniet danni materjali minħabba azzjoni serjament illegali tal-Unjoni. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq l-argumenti li ġejjin:
 - is-sentenza ma attribwiet l-ebda kumpens għad-danni kkważati mill-Unjoni u l-uffiċjali tagħha, bi ksur tal-Artikolu 340(2) TFUE u tal-Artikolu 41(3) ČFREU, dawn iż-żewġ artikoli jistabbilixxu l-prinċipju tal-“kumpens sħiħ”;
 - Barra minn hekk, billi ma attribwiet l-ebda kumpens għad-danni materjali meta l-eżistenza tagħhom kienet irrikonoxxuta, is-sentenza tikser il-prinċipji ta’ proporzjonalità, ta’ eżami ekwu u twettaq ċaħda tal-ġustizzja;
 - is-sentenza tikser barra minn hekk il-liġi permezz ta’ distorsjonijiet manifesti ta’ fatti u ta’ provi, u ċ-ċaħda tagħha tad-danni kollha tar-riktorrenti hija bbażata fuq raġunament difettuż, illoġiku u kontraditorju.
- 2) Fit-tieni aggravju tal-appell, ir-rikorrenti ssostni li l-Qorti Ĝeneralis wettqet żball ta' liġi fil-punti 92 sa 149 tas-sentenza appellata billi qieset li l-għoti ta’ EUR 50 000 kien jikkostitwixxi kumpens xieraq. Għaldaqstant il-Qorti Ĝeneralis kisret l-obbligu tagħha ta’ ġustifikazzjoni, il-prinċipju ta’ proporzjonalità u l-prinċipju li jobbligaha tħallas kumpens għad-danni u spejjeż reali, fatt li wassal għal riżultat arbitrarju u illegali.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (Franza) fis-6 ta’ Frar 2015 – Sélina Affum (konjuġi Amissah) vs Préfet du Pas de Calais, Procureur général de la Cour d'appel de Douai

(Kawża C-47/15)

(2015/C 118/24)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour de cassation

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Sélina Affum (konjuġi Amissah)

Konvenuti: Préfet du Pas de Calais, Procureur général de la Cour d'appel de Douai

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/115/KE (¹) għandu jiġi interpretat fis-sens li ċittadin ta’ Stat terz ikun presidenza illegali fuq it-territorju ta’ Stat Membru u jaqa’, minħabba fhekk, taħt il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-direttiva, skont l-Artikolu 2(1) tagħha, meta dan il-barrani jkun jinsab f'sitwazzjoni ta’ sempliċi transitu, bħala passiġġier ta’ autobus li jiċċirkula fit-territorju ta’ dan l-Istat Membru, bi provenjenza minn Stat Membru ieħor, li jagħmel parti miż-żona Schengen, u b'destinazzjoni fi Stat Membru differenti?